# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju, 2001 .

### Citazzjoni  numru : 31/01G1(PC)

**Paul Scicluna .**

**Vs**

**Denise Mercieca; u John Mercieca bhala mandatarju ta' huh imsiefer Charles Mercieca; u Gorg u Susanne konjugi Ellis.**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur wara li ppremetta :**

**Illi b'kuntratt fl-atti tan-nutar Michael Refalo tat-tletin (30) ta' Dicembru elf disa' mija tnejn u disghin (1992) l-attur ikkonceda lill-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom I-fond ossija garage fi Triq Maestro Giardini Vella, Victoria, Ghawdex ghal perijodu ta' ghoxrin (20) sena u dan versu c-cens annwu u temporanju ta' elfejn lira maltija (Lm2,000) ghall-ewwel hames snin, u wara l-ewwel hames snin, l-istess cens kellu jigi rivedut u awmentat skond il-kondizzjonijiet fl-atti imsemmi (Dok. B) ;**

**Illi l-konvenuti naqsu milli jhallsu l-iskadenza ta' l-1 ta' Lulju 2000 fl-ammont ta' Lm1245.70c; u l-iskadenza ta' l-ewwel ta' Jannar 2001 fl-ammont ta' Lm1361.72c, peress illi din l-ahhar skadenza giet riveduta u awmentata skond iz-zieda fil-paga minima nazzjonali fit-tlett snin immedjatament precedenti ;**

**Illi l-attur interpella lill-konvenuti anke permezz ta' ittra ufficjali sabiex ihallsu l-ammont dovut minnhom ;**

**Illi nonostante dan kollu, il-konvenuti baqghu inadempjenti .**

**Illi dan id-debitu hu wiehed cert likwidu u dovut u safejn jaf l-attur hadd mill-konvenuti ma ghandu ebda eccezzjoni xi jqajjem ghat-talba illi dan il-kreditu tieghu jithallas .**

**Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti ;**

1. **Taqta' u tiddecidi din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici u Organizzazzjoni u Procedura Civili ;**

2. **Tikkundannkom jew min minnkom solidalment bejnietkom sabiex thallsu lill-attur is-somma ta' elfejn sitt mija u seba' liri maltin u tnejn u erbghin centezmu (m2607.42c) dovuti kif fuq inghad; bl-interessi fuq kull skadenza b'effett mid-data ta' meta kull skadenza saret dovuta.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Frar 2001 kontra taghkom .**

**Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni, li ghaliha debitament imharrka .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur debitament ikkonfermata bil-gurament tieghu .**

**Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' din ic-citazzjoni, u cioe' bhala dokument A, l-affidavit ta' Paul Scicluna, bhala dokument B, kopja ufficjali tal-kuntratt tat-30 ta' Dicembru, 1992; bhala dokument C kopja ufficjali ta' l-ittra ufficjali ta' Frar 2001, u bhala dokument D, skeda li turi u tispjega kif inhadmet ir-revizjoni tac-cens mertu ta' din il-kawza .**

**Rat ukoll ir-riferta pozittiva tal-konvenuti u cioe' li l-konvenuta Denise Mercieca tigi notifikata bic-citazzjoni fl-20 ta' April, 2001; u l-konvenuti Gorg Ellis u martu Susanne Ellis gew notifikati b'din ic-citazzjoni fit-23 ta' April, 2001 u fis-27 ta' April, 2001 rispettivament .**

**Innutat illi l-istess konvenuti debitament notifikati naqsu illi jattendu ghas-smiegh ta' din il-kawza .**

**Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' l-attur Paul Scicluna, illi spjega kif inhuma dovuti l-ammonti mitluba fic-citazzjoni tieghu .**

**Rat ukoll il-verbal ta' l-udjenza tal-14 ta' Gunju, 2001; fejn wara li xehed l-attur Paul Scicluna, gew prezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenuti, peress li dawn naqsu li jattendu ghas-smiegh tal-kawza appuntata ghal dak inhar .**

**Rat ukoll il-verbal tal-lum 15 ta' Gunju, minn fejn jirrizulta l-istess konvenuti regghu naqsu li jattendu ghas-smiegh ta' din il-kawza .**

**Il-Qorti ghal hekk, wara li fethet il-kapitoli ta' l-attur, li bihom ried jipprova li bis-subizzjoni tal-konvenuti kollha b'mod solidali bejniethom, l-istess konvenuti ghandhom ihallsuh l-ammonti mitluba f'din ic-citazzjoni, u cioe' l-ammont ta' elf mitejn u hamsa u erbghin lira maltija u sebghin centezmu (Lm1245.70) skadenza ta' cens li mmaturat fl-ewwel ta' Lulju, tas-sena elfejn; u elf tlett mija wiehed u sittin lira u tnejn u sebghin centezmu (Lm1361.72c), skadenza li mmaturat fl-ewwel ta' Jannar tas-sena elfejn u wahda .**

**Il-Qorti ghal hekk, u fl-assenza tal-konvenuti li jikkontestaw dawn il-kapitoli, tiddikjara skond il-ligi l-istess kapitoli bhala ammessi, u tiddecidi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici, u tikkundanna lill-konvenuti kollha solidament bejniethom sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta' elfejn sitt mija u seba' liri maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm2607.42c), dovuti kif spjegat fic-citazzjoni; bl-interessi fuq kull skadenza b'effett mid-data ta' meta kull skadenza saret dovuta .**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Frar 2001 kontra l-konvenuti kollha solidalment bejniethom .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

S3101Pc